MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 19

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela u l-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili l-Onor. Rosianne Cutajar kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Alex Perici Calascione u l-Onor. Deborah Schembri kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Ivan Castillo*, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Stephen Spiteri* u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, ~~l-Onor. Ivan Castillo~~* u ~~l-Onor. Stephen Spiteri~~* kienu assenti.

* *Vide Minuti tas-Seduta 21 – 12.10.2026*

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 18 li saret fil-5 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 353 Rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Onor. Mariah Meli u l-Onor. Annabelle Cilia fit-12th IPU Global Conference of Young Parliamentarians, li saret f'Samarkand, l-Użbekistan, bejn l-4 u s-6 ta' Settembru 2026.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.32 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 228 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 354 Tabella li turi tagħrif dwar konsulenza mogħtija mill-Awtorità tad-Djar u mil-Land Registration Agency fil-perjodu bejn l-2025 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 750;

P.L. 355 Tabella li turi tagħrif dwar proġetti ta' tisbiħ (embellishment projects) li għaddejjin f'postijiet ta' akkomodazzjoni soċjali maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1010; u

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 356 Estratt minn 17-il ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru li juru l-portafoll tal-Ministeru għal Għawdex għas-snin bejn Frar 2010 u Ġunju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1249.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 357 Tabella li turi tagħrif dwar xogħlijiet imwettqa mill-Foundation for Tomorrow's School maqsuma skont il-programm għas-snin bejn l-2020 u l-2027, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3093.

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 358 Avviż Legali Nru 258 tal-2026 – Credit Institutions and Financial Institutions (Payment Accounts) Regulations, 2026;

P.L. 359 Avviż Legali Nru 259 tal-2026 – Commencement Notice that established the 6 October 2026 as the date on which all of the provisions of the Financial Institutions Act (Consumer Credit) Regulations, 2025 (S.L. 376.09) (L.N. 266 of 2025) shall come into force;

P.L. 360 Avviż Legali Nru 260 tal-2026 – Commencement Notice that established the 6 October 2026 as the date on which all of the provisions Banking Act (Consumer Credit) Regulations, 2025 (S.L. 371.23) (L.N. 265 of 2025) shall come into force;

P.L. 361 Avviż Legali Nru 261 tal-2026 – Financial Institutions Act (Credit Agreements for Consumers relating to Residential Immovable Property) Regulations, 2026;

P.L. 362 Avviż Legali Nru 262 tal-2026 – Banking Act (Credit Agreements for Consumers relating to Residential Immovable Property) Regulations, 2026;

P.L. 363 Avviż Legali Nru 263 tal-2026 – Mortgage Credit Intermediaries (Admission) Regulations, 2026;

P.L. 364 Avviż Legali Nru 264 tal-2026 – European Passport Rights for Mortgage Credit Intermediaries Regulations, 2026; u

P.L. 365 Avviż Legali Nru 265 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI RELATATI MAL-PUNT TA' AĊĊESS UNIKU EWROPEW (ESAP) – ABBOZZ NRU 9

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji relatati mal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew.

L-Onor. Nigel Vella ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clyde Caruana u l-Onor. Adrian Delia.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)" inqara t-tieni darba.

Skont il-ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19 u 20 għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

KLAWSOLA 21

Il-Ministru għall-Finanzi ressaq din l-Emenda "A":

Klawsola 21

Il-klawsola 21 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tal-artikolu 35, kif miżjud bi klawsola 21, il-kliem "msemmija fl-artikolu 6 (10)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "msemmija fl-artikolu 6(10), meta tirrigwarda Kumpanija ta' Maniġġar UCITS,"; u

(b) fit-test Ingliż biss, fis-subartikolu (4) ta' artikolu 35, kif miżjud bi klawsola 21, il-kliem "referred in sub-article shall" għandhom jiġu sostitwitu bil-kliem "referred to in sub-article (3) shall".

Clause 21

Clause 21 shall be amended as follows:

(a) in sub-article (3) of article 35, as added by clause 21, the words "referred to in article 6 (10)" shall be substituted by the words "referred to in article 6 (10), insofar as it relates to a UCITS management company,"; and

(b) in the English text only, in sub-article (4) of article 35, as added by clause 21, the words "referred in sub-article shall" shall be substituted by the words "referred to in sub-article (3) shall".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

KLAWSOLA 21, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

KLAWSOLI 22 u 23 għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

KLAWSOLA 24

Fil-5.34 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fil-5.40 p.m.

KLAWSOLI 24, 25 u 26 għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

KLAWSOLA 27

Fil-5.46 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fil-5.48 p.m.

KLAWSOLI 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39 u 40 għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

KLAWSOLA 1 u t-TITOLU għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-5.59 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Finanzi rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emenda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Finanzi ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji relatati mal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP).

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)" inqara t-tielet darba u għadda.

DIKJARAZZJONI MINN MEMBRU

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, għamel kjarifika dwar l-assenza tiegħu fil-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari.

Fis-6.02 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani	Tieni Qari

---

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi	Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Janice Abela Chetcuti u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Fis-6.34 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Finanzi.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER